# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024**

**Rikors Nru: 122/17**
**Nru fuq il-Lista: 7**

**Lorenza *sive* Laura Jenkins (K.I. 0789338M)**

**vs**

**Ivan Sammut (K.I. 83271M) u Saviour *sive* Sammy Sammut (K.I. 201762M)**

**Il-Bord;**

Ra r-rikors ġuramentat tar-rikorrenti ppreżentat fl-20 ta' Ottubru 2017[1], flimkien mad-dokument hemm anness, li permezz tiegħu, *ad litteram*, ġie premess u ntalab is-segwenti;

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

*A. Illi l-attrici hija padruna tal-fond 41, Triq San Mikiel, Rabat Malta, liema fond kien mikri lil Abel Sammut bir-rata ta' €116.47 kull sitt xhur bil-quddiem, dovuti kull 27 ta' Ottubru u kull 27 ta' April ta' kull sena.*

*B. Illi fil-fond in kwistjoni Abel Sammut kien jghix bil-familja tieghu, u cioe' martu Maria Dolores, u uliedhom Mari, Saviour u Ivan, pero' matul is-snin it-tliet ulied marru jghix banda ohra.*

*C. Illi imbaghad mart l-inkwilin, Maria Dolores Sammut giet nieqsa fis-16 ta' Dicembru 2015, u dan meta Abel Sammut kien diga' residenti go Villa Messina. Abel Sammut baqa' armel. F'Dicembru 2016 Abel Sammut gie nieqes ukoll u ghalhekk permezz ta' ittra legali tat-22 ta' Marzu 2017, l-intimat Ivan Sammut, li kien igib il-hlas tal-kera f'isem missieru, intalab jara li l-fond in kwistjoni jigi vakat u jirritorna c-cwievet tieghu. L-intimati rrispondew b'ittra legali li huma kienu jghixu fil-fond in kwistjoni, meta l-esponenti u zewgha Colin Graham Jenkins jafu personalment li dan mhuwiex minnu.*

*D. Illi fil-waqt li l-intimati allura ma ghandhom ebda titolu validu fuq il-fond 41 Triq San Mikiel, Rabat, Malta, l-attrici taf b'dawn il-fatti kollha personalment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza biex l-intimati ma jibqghux icahhdu lill-attrici milli tiehu pussess tal-propjeta' taghha.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Bord biex ghar-ragunijiet premessi joghgbu:*

*1. Jordna li dan il-kaz jigi mismugh u deciz bid-dispenza kontemplata fl-Artikolu 16 u 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*2. Jiddikjara li l-intimati ma ghandhom ebda dritt fuq il-fond 41 Triq San Mikiel, Rabat Malta, u ma ghandhom ebda dritt ihallu effetti personali taghhom fl-istess fond.*

*3. Jiddikjara li jekk l-intimati jew min minnhom issa rega' dahal jghix fl-imsemmi fond, dan ghamlu bla ebda titolu validu fil-ligi.*

*4. Jordna lill-intimati jivvakaw u jizgumbraw mil-fond 41 Triq San Mikiel Rabat Malta kompletament u jirritornaw ic-cwievet relattivi, b'rizerva ghal reklamar ta' kwalunkwe danni li jistghu jirrizultaw li saru fil-fond.*

*5. Jordna lill-intimati ihallsu d-danni tal-okkupazjoni minn April 2017 –il quddiem, sar-rilaxx effettiv tal-fond.*

*Bl-ispejjez kollha, inkluzi tal-ittra legali tat-22 ta' Marzu 2017, kontra l-intimati, li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.*

Ra d-digriet ta' dan il-Bord kif preċedentement presedut tal-15 ta' Settembru 2017[2].

Ra d-digriet ta' dan il-Bord kif preċedentement presedut tal-1 ta' Marzu 2018[3], fejn il-Bord sema' s-sottomissjonijiet tal-intimati u x-xhieda tal-intimat Ivan

[2] A fol 5 tal-proċess.
[3] A fol 14 tal-proċess.

Sammut u ta d-dritt lill-intimati sabiex jippreżentaw ir-risposta tagħhom bil-miktub.

Ra r-risposta ġuramentata tal-intimati ppreżentata nhar il-15 ta' Marzu 2018[4], li permezz tagħha, *ad litteram*, ġie eċċepit is-segwenti;

1. *Illi in linea preliminari l-indirizz indikat mir-rikorrenti ma jirrispakjax ir-residenza ordinarja tal-intimati.*

2. *Illi in linea preliminari l-procedura adoperata mir-rikorrenti mhux wahda ideonea u mhux applikabbli ghal kaz in dezamina.*

3. *Illi in linea preliminari u mill-att procedurali r-rikors promotorju huwa stante lima gietx prezentat affidavit tar-rikorrenti kontestwalment u dana kontra t-termini ta' l-Artikolu 16A(1) (A) (4) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.*

4. *Illi minghajr pregudizzju gha-suespost it-talbiet kif proposti mir-rikorrenti huma nfondati fil-fatt fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-intimati u ohthom ilhom joqoghdu fil-fond mis-sena 1973. Ohthom Marija zzewget fis-sena 1980. L-intimat baqghu jokkupaw u jirrisjedu fil-fond de quo bhala residenza ordinarja taghhom ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi u anke fattwalment.*

5. *(a) Illi l-intimat ghandhom kull dritt li jirrisjedu fil-fond.*
   *(b) Illi l-intimati baqghu jirrisjedu fl-istess fond minghajr interuzzjoni u qatt ma vvakkaw u regghu irritornaw fl-istess fond.*

[4] A fol 36 *et seq* tal-proċess.

6. *Illi t-talba ghal-izgumbrament hija frivola u vessatorja u ma tirrisekjax l-attwalita tal-fatti.*

7. *Illi l-kera thallset u giet accettata mir-rikorrenti ghal-perjodu Ottubru 2016 sa April 2017.*

8. *Salv risposti ulterjuri.*

Ra x-xhieda ta' Robert Grech kif mogħtija quddiem il-Bord kif preċedentement presedut nhar is-26 ta' April 2018[5].

Ra x-xhieda ta' Charlene Cortis kif mogħtija quddiem il-Bord kif preċedentement presedut nhar is-26 ta' April 2018[6].

Ra n-nota tar-rikorrenti fejn ġie ppreżentat l-affidavit tar-rikorrenti u l-affidavit ta' Martin Jenkins[7] u tlett dokumenti.

Ra x-xhieda ta' Sandra Jenkins kif mogħtija quddiem il-Bord kif preċedentement presedut nhar l-4 ta' Ottubru 2018[8].

Ra x-xhieda ta' Dr Amalie Abela kif mogħtija quddiem il-Bord kif preċedentement presedut nhar is-26 ta' Frar 2019[9].

---

[5] A fol 39 *et seq* tal-proċess.
[6] A fol 42 *et seq* tal-proċess.
[7] A fol 47 *et seq* tal-proċess.
[8] A fol 68 *et seq* tal-proċess.
[9] A fol 85 *et seq* tal-proċess.

Ra x-xhieda ta' Reuben Bonnici in rappreżentanza tal-ARMS Ltd kif mogħtija quddiem il-Bord kif preċedentement presedut nhar is-26 ta' Frar 2019[10] u kif kompliet tingħata fis-seduta tat-15 ta' Lulju 2019[11].

Ra x-xhieda ta' Ivan Sammut mogħtija quddiem dan il-Bord kif preċedentement presedut nhar il-21 ta' Novembru 2019[12].

Ra x-xhieda ta' Joseph Revans mogħtija quddiem dan il-Bord kif preċedentement presedut nhar il-1 ta' Lulju 2020[13].

Ra x-xhieda ta' Savio Borg mogħtija quddiem dan il-Bord kif preċedentement presedut nhar il-1 ta' Lulju 2020[14].

Ra x-xhieda ta' Saviour Theuma mogħtija quddiem dan il-Bord kif preċedentement presedut nhar il-14 ta' Ġunju 2021[15].

Ra x-xhieda ta' Joseph Debono mogħtija quddiem dan il-Bord kif preċedentement presedut nhar il-14 ta' Ġunju 2021[16].

Ra x-xhieda ta' Anthea Portelli mogħtija quddiem dan il-Bord kif preċedentement presedut nhar il-14 ta' Ġunju 2021[17].

---

[10] A fol 96 *et seq* tal-proċess.
[11] A fol 99 *et seq* tal-proċess.
[12] A fol 119 *et seq* tal-proċess.
[13] A fol 142 *et seq* tal-proċess.
[14] A fol 142 *et seq* tal-proċess.
[15] A fol 189 *et seq* tal-proċess.
[16] A fol 180 *et seq* tal-proċess.
[17] A fol 183 *et seq* tal-proċess.

Ra x-xhieda tal-Assistent Reġistratur Etienne Scicluna mogħtija quddiem dan il-Bord kif preċedentement presedut nhar il-20 ta' Ottubru 2021[18].

Ra x-xhieda ta' Carmen Scerri Lautier mogħtija quddiem dan il-Bord kif preċedentement presedut nhar il-20 ta' Ottubru 2021[19].

Ra x-xhieda ta' Charmaine Zammmit mogħtija quddiem dan il-Bord kif preċedentement presedut nhar il-20 ta' Ottubru 2021[20].

Ra x-xhieda ta' Nicholette Sant mogħtija quddiem dan il-Bord kif preċedentement presedut nhar il-20 ta' Ottubru 2021[21].

Ra x-xhieda ta' Christian Schembri mogħtija quddiem dan il-Bord kif preċedentement presedut nhar il-20 ta' Ottubru 2021[22].

Ra x-xhieda ta' Lorenza sive Laura Jenkins mogħtija quddiem dan il-Bord kif preċedentement presedut nhar il-20 ta' Ottubru 2021[23].

Ra x-xhieda ta' Gertrude Scerri mogħtija quddiem dan il-Bord kif preċedentement presedut nhar il-20 ta' Ottubru 2021[24].

Ra x-xhieda ta' Brian Farrugia mogħtija quddiem dan il-Bord kif preċedentement presedut nhar il-20 ta' Ottubru 2021[25].

[18] A fol 206 *et seq* tal-proċess.
[19] A fol 236 *et seq* tal-proċess.
[20] A fol 239 *et seq* tal-proċess.
[21] A fol 241 *et seq* tal-proċess.
[22] A fol 243 *et seq* tal-proċess.
[23] A fol 246 *et seq* tal-proċess.
[24] A fol 253 *et seq* tal-proċess.
[25] A fol 255 *et seq* tal-proċess.

Ra x-xhieda ta' Charmaine Zammit mogħtija quddiem dan il-Bord kif preċedentement presedut nhar il-24 ta' Jannar 2022[26].

Ra illi fl-udjenza tal-4 ta' April 2022, l-intimati iddikjaraw li mhux jinsistu iżjed fuq it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet minnhom imressqa fir-risposta tagħhom, u li wara li jippreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet, il-partijiet qablu li din il-kawża titħalla għas-sentenza[27].

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati Sammut datata 7 ta' Settembru 2022[28].

Ra r-rikors tar-rikorrenti tat-30 ta' Novembru 2022[29].

Ra n-nota sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata 30 ta' Novembru 2022[30].

Ra d-digriet tal-Bord kif preċedentement presedut tal-1 ta' Diċembru 2022[31].

Ra l-ħatra tal-President ta' Malta datata 5 ta' Marzu 2023 magħmula ai termini tal-artikolu 16 tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta[32].

Ra l-assenjazzjoni datata 9 ta' Marzu 2023 tal-Prim Imħallef fejn il-kawżi preċedentement mismugħa minn dan il-Bord presedut mill-illum Imħallef Josette Demicoli ġew assenjati lil dan il-Bord kif issa presedut[33].

---

[26] A fol 280 *et seq* tal-proċess.
[27] A fol 283 *et seq* tal-proċess.
[28] A fol 286 *et seq* tal-proċess.
[29] A fol 292 *et seq* tal-proċess.
[30] A fol 293 *et seq* tal-proċess.
[31] A fol 296 *et seq* tal-proċess.
[32] A fol 298 tal-proċess.
[33] A fol 299 *et seq* tal-proċess.

Ra d-digriet ta' dan il-Bord kif issa presedut tal-15 ta' Mejju 2023[34].

Ra d-digriet ta' dan il-Bord kif issa presedut tas-27 ta' Settembru 2023 fejn din il-kawża tħalliet għas-sentenza[35].

**Ikkunsidra;**

Illi qabel xejn, kif ġie senjalat fl-*iter* proċesswali hawn fuq riprodott, din id-deċiżjoni qiegħda tingħata minn dan il-Bord kif illum presedut u mhux kif kien presedut waqt is-smiegħ ta' dawn il-proċeduri. Dan il-fatt waħdu ma kien tal-ebda xkiel sabiex dan il-Bord kif hawn issa presedut jagħlaq dan il-ġudizzju hu (għaliex f'dan il-każ, meta saret l-assenjazzjoni, il-kawża kienet diġà mmatturat għall-għeluq provi u sottomissjonijiet). Tassew, argumenti fejn ġie attakkat proċess ġudizzjarju minħabba kambjament fil-ġudikant ġew kemm il-darba miċħuda[36]. F'dan il-każ ma kien hemm xejn nieqes mill-atti u kollox kien

[34] A fol 305 *et seq* tal-proċess.
[35] A fol 307 tal-proċess.
[36] F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **George Galea vs Maria Carmela *sive* Marica Baldwin,** (App Ċiv Nru: 90/14/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-11 ta' Ottubru 2022 fejn ġie ritenut hekk: *"Din il-Qorti titlaq billi tgħid illi l-fatt waħdu li l-Imħallef li ddeċieda ssentenza fl-ewwel istanza ma kienx l-Imħallef li sema' l-provi ma jġibx b'daqshekk in-nullita` tas-sentenza appellata".* Issir referenza wkoll għal dak li kien ġie awtorevolment deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Mifsud *et* vs Victor Calleja,** (Appell Ċivili Numru. 354/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar ild-9 ta' Jannar 2008 u ċioé: *"...l-appellanti jitilqu mill-punt li jiccensuraw lillewwel Qorti talli din ma semghatx il-provi viva voce iżda qaghdet fuq it-traskrizzjonijiet tax-xhieda gja kompilati flatti. Huma, b' dan, jikkontendu illi l-Qorti ma kellhiex l-"ahjar prova" ghal liema jirreferi l-Artikolu 559 tal-Kapitolu 12. Bir-rispett dovut dan l-argoment hu ghal kollox fallaci, guridikament. Ibda biex, kieku kellu jigi accettat dak sottomess mill-appellanti jkun ifisser illi kull darba li gudikant jissostitwixxi gudikant iehor il-provi jridu jinstemghu ex novo, b' hela ta' energija, dilungar u spejjez zejda. Barra minn hekk, tali deduzzjoni tirrifletti negattivament fuq id-dehen tal-gudikant sostitut ghax ikun ifisser li dan, gjaladarba ma jkunx sema' hu l-provi viva voce, ma jkunx jista' jaghmel gudizzju ghaqli ta' l-ezami u l-valutazzjoni tax-xhieda li tkun traskritta. Tali ragonament, jekk accettat, certament jinnewtralizza ghal kollox il-htiega tar-rakkoljiment tal-provi permezz ta' Affidavits jew permezz ta' l-Assistenti Gudizzjarji, u dan kontra l-volonta tal-legislatur li kkreja d-disposizzjonijiet relattivi dwarhom."* Per kompletezza akkademika mbagħad, il-Bord jirriferi għas-sentenza fl-ismijiet **Albert Noel Portelli *et* vs**

traskritt. Meta dan il-Bord ingħata proċedimenti fejn ħass li kellu jerġa' jisma xi aspett tal-proċeduri qabel m'għadda għas-sentenza, hekk għamel[37].

Illi madanakollu tinħass il-ħtieġa li l-istess Bord jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, ix-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri u dan biex anke jserraħ moħħ il-partijiet li dik ix-xhieda prodotta ġiet debitament mixtarra.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssegwi;

Illi fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2018, xehed **Ivan Sammut**, li spjega li jaf lil l-attriċi bħala sid il-kera u l-kuġina ta' ommu. Jgħid li ma jafx kemm ilu li l-attriċi saret sid il-post li jispjega li missieru kien daħal f'kuntratt ta' kera ma z-zija ta' ommu u illum jgħixu fih huma. Jgħid li ma jiftakarx kemm kienu ilhom jgħixu f'dan il-post imma jaf li hu għex hemm minn meta kien għadu tarbija u jismagħhom jgħidulu li daħlu hemm circa fis-sena 1973. Jgħid li kienu jgħixu f'dan il-post mertu tal-kawża, hu, ommu u missieru u żewġ ħutu oħra, imma oħtu mbagħad iżżewġet fis-sena 1981 u ma baqgħetx toqgħod hemm. Mistoqsi hu u ħuħ fejn marru joqgħodu, jgħid li mkien u baqgħu dejjem hemm, 41 (qabel jgħid li kien numru 20) St Michael Street, Rabat. Jispjega li l-intimat l-ieħor huwa ħuħ u baqgħu jgħixu hemm hu u ħuħ. Jispjega li ommu mietet fis-16 ta' Diċembru 2015 u missieru miet fid-19 ta' Diċembru 2016. Jiċħad li qatt marru jgħixu x'imkien

---

**<u>Paola Developments Limited *et,*</u>** (Appell Civili Numru. 1466/2001/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-3 ta' Novembru 2006 fejn, b'ton qawwi, ġie enunċjat is-segwenti *dictum*: *"Bil-fatt wahdu li, minhabba esigenzi ta' tqassim ta' doveri, il-kawza ghaddiet minn gudikat ghal iehor, ma ghandux necessarjament iwassal ghal dak li donnhom qeghdin jinsinwaw l-appellanti, bla ma pero` jispecifikaw xejn utli jew ta' sostanza. Bl-istess argument, li kieku wiehed kellu jabbraccjah, lanqas din il-Qorti ma jmissha allura tiddeciedi dwaru! Riflessjonijiet bla bazi ta' din ix-xorta ftit jaghmlu gieh lil min jasserihom u certament, ma jghinu xejn ghar-rizoluzzjoni gusta u serena ta' procedura gudizzjarja bhal dik in kawza."*

[37] Hekk per eżempju seħħ fejn instab li għalkemm kienet saret trattazzjoni orali finali, din ma kienitx traskritta, il-Bord talab li din terġa sseħħ. Issir referenza għad-digriet ta' dan il-Bord fl-ismijiet **<u>Anthony Borg *et* vs Carmelo Buhagiar *et,*</u>** (Rik Nru: 232/2022) mogħti nhar it-3 ta' Mejju 2023.

ieħor. Jikkonferma li kienet oħthom, Marie, li marret tgħix x'imkien ieħor. Jiċħad li hu u ħuħ marru jgħixu lura fil-fond in kwistjoni meta miet missierhom fis-sena 2016. Jispjega li hu dejjem kellu kull dokument reġistrat bħala li jgħix fil-fond in kwistjoni. Ippreżenta dokumenti li juru li hu dejjem ġie reġistrat fuq dak l-indirizz bħala Dok. IS1-IS8.

Illi Ivan Sammut in kontro-eżami jgħid li qabel il-fond kellu numru 20 u issa huwa 41 minħabba li biddlu n-numri. Mistoqsi jaqbilx li meta mietet ommhom, missierhom kienx diġa' mhux jgħix fil-fond, jgħid li ma jaqbilx. Jgħid li missieru wara li mietet ommu kien jgħix id-dar sakemm imbagħad mar Villa Messina. Jgħid li Villa Messina kien mar għall-perjodu qasir għax wara sena miet, imma mar għax ried ikun assistit ħin kollu inkluż meta huma jkunu xogħol jew ma jkunux id-dar. Jgħid li ommu mietet id-dar u missieru ħa xokk kbir meta mietet ommu. Minħabba li riedu jaħdmu u jieħdu ħsieb lilhom nfushom ma riedux li jħallu lil missierhom waħdu d-dar. Jgħid li missieru qatt ma uża wheelchair, imma kienet għaddietu stroke u affettwatlu saqajh. Jgħid li kien iċċaqlaq għal Villa Messina bħala *rehabilitation* għax anqas ma kellhom kamra tal-banju fis-sular t'isfel. Jgħid li missieru miet l-isptar Mater Dei u kien daħal minn *home* oħra. Jispjega li missieru mar Villa Messina fit-23 ta' Diċembru 2015 imbagħad kienu għalquha għar-refurbishement, u mar St Elizabeth Home u kien madwar Settembru 2016. Mistoqsi x'konnessjoni għandha familtu ma' Sanolor Flats Triq il-Hobbejza, jgħid li xejn. Jgħid li familtu qatt ma kellhom proprjeta' hemm. Jgħid li jaf min jgħix hemm di vista bħala Rabtin. Mistoqsi min għaddielu l-karta tal-Qorti li rċieva f'dak l-indirizz jgħid li bagħtitlu sinjura li toqgħod hemm, li hu jaf bħala Doris. Mistoqsi qattx kien hemm żmien li hu jew ħuħ kienu jgħixu għand l-għarajjes tagħhom, jgħid li kien imur xi lejl imma mhux fuq perjodu ta' żmien. Jgħid li hu jorqod fil-post mertu tal-kawża kuljum u ħuħ ukoll, ħlief għal meta jsiefru fuq xogħol. Mistoqsi kemm l-aktar li dam imsiefer, jgħid tliet xhur konsekuttivi, imma jispjega li illum ma għadux isiefer.

Illi xehed **Robert Grech** prodott mir-rikorrenti, li jgħid li huwa rappreżentant ta' Villa Messina, jispjega li Adam Sammut daħal f'Villa Messina 23 ta' Diċembru 2015 u ħareġ fl-1 ta' Settembru 2016. Jgħid li kellu episodju ta' puplesija u kellu bżonn l-għajnuna u assistenza biex jinħasel. Jgħid li kien jimxi bil-ħadida. Mistoqsi kienx joħroġ mill-home, jgħid li iva, mal-qraba tiegħu. Jgħid li ma jaħsibx li kien it-tip ta' persuna li seta' jgħix id-dar għax kellu l-problemi mediċi. B'hekk kien joħroġ u jidħol lura.

Illi xehdet ukoll **Charlene Cortis** prodotta mir-rikorrenti, li tgħid li hija taħdem fl-amministrazzjoni ta' St Elizabeth Home, ir-Rabat. Tixhed li Abel Sammut daħal hemm fl-1 ta' Settembru 2016 u miet fid-19 ta' Diċembru 2016. Mistoqsija dwar is-saħħa tiegħu tgħid li ma għandix background mediku u b'hekk ma tistax tgħid. Tgħid però li skond rapport li għandha s-saħħa ta' Sammut kienet medja, ma kienx totalment indipendenti. Ma tafx fejn miet u anqas jekk kienx jista' joħroġ mill-home waħdu.

Illi xehdet ir-**rikorrenti** permezz t'affidavit, fejn hija tispjega li dan il-fond qabel kellu numru 20 u hi akkwistatu b'wirt, parti mingħand in-nanniet tagħha u parti mingħand zija tagħha. tgħid li oriġinarjament dan il-fond kien ingħata b'ċens lil Abel Sammut liema ċens imbagħad inqaleb f'kirja fl-2006 qabel ma ġie għandha. Tgħid li meta akkwistat il-fond il-kera kienet ta' €116.47 kull sitt xhur. Tgħid li meta kienet tiltaqa' mal-mara ta' Abel, Doris Sammut, kienet tieqaf titkellem magħha. Tgħid li darba minnhom kienet għaddejja minn quddiem id-dar fejn joqgħodu u kellha l-bieb miftuħ u waqqfitha u qaltilha li kienet qed tistenna wieħed mis-subien għax kienet sejra tnaddfilhom fejn jgħixu. Tgħid li Dolores kienet qaltilha li s-subien kellhom post kull wieħed u ma kienux qed jgħixu flimkien. Tispjega li bintha Sandra kienet informata li Ivan Sammut qed jgħix fi Triq il-Hobbejża u Saviour kien qed jgħix lejn il-Buskett. Tispjega kif riċenti, oħt Dolores kienet qaltilha li Marie Camilleri, oħt l-initmati, kienet qaltilha li Saviour

jgħix lejn il-Buskett. Tgħid li darba ltaqat ma' Saviour u qaltlu li hu sew għax jgħix fil-kwiet lejn il-Buskett, u hu mejjel rasu u qabel magħha. Tispjega li oħt Dolores Sammut kienet qaltilha li Abel kien mar il-home qabel ma' mietet Doris Sammut u taħseb li Dolores fil-fatt mietet għax kienet għamlet f'qalbha. Tgħid ukoll li Marie Camilleri kienet darba marret għandha u qaltilha li dik li fil-home kienet tagħmel is-sodda ta' missierha kienet mietet u issa kien fadal żewġ aħwa mhux tlieta. Tgħid li Marie ikkonfermatilha li din kienet mietet qabel ommha u b'hekk ir-rikorrenti tispjega li huwa veru li Abel kien fil-home qabel Diċembru 2015. Tgħid ukoll li hi tgħix viċin dan il-post u għandha t-tifel li joqgħod 47 Triq San Mikiel Rabat. Tispjega li spiss tmur għand binha, Martin Jenkins. Tgħid li l-bitħa u l-bejt tat-tifel imissu mal-fond tal-kawża. Tgħid li meta mietet Dolores, il-post kien jidher mitluq u ma jinfetaħx imbagħad ftit qabel daħal is-sajf xi ħadd kien bexxaq xi purtelli tal-gallarija li baqgħu miftuħin għal xi ġranet biex jarja l-post. Tgħid li taf li Abel miet fid-19 ta' Diċembru 2016 u minħabba li kienet taf li l-post kien vojt, pretendiet li xi ħadd mit-tfal kien ser imur jirritorna ċ-ċwievet. Tgħid li stenniet ftit u ħadd ma kellimha u b'hekk kellmet avukat u bagħtu ittra lil Sammut Ivan biex jirritorna ċ-ċwievet tal-fond iżda imbagħad kien irrisponda li hu qed jgħix hemm flimkien ma' ħuħ. Hi tgħid li z-ziju tagħhom, Lino Sapiano, ftit qabel kien qal lil Sandra, it-tifla tar-rikorrenti, li Ivan qas biss kien għadu jgħix fir-Rabat. Tgħid li hi qalet lil binha Martin li qallha li l-post ħadd ma jidħol u joħroġ minnu. Tgħid li pruvat issib fejn marru jgħixu u għamlet riċerki u rriżulta li wirtu ishma minn 27 proprjeta. Tgħid li binha Martin fi Frar 2016 kien iltaqa' ma' Saviour u tah l-għomor u dan kien madwar xi 7 jew 8 ġimgħat mill-mewt ta' ommu. Tgħid li Martin qalilha li Saviour kien qallu li pprova jmur jorqod il-post imma ħassu skomdu. Tgħid li f'April 2017 għalqet il-kera u marru biex iħallsuha imma hi ma aċċettatx. Tgħid li Martin ra li Saviour beda jidħol fil-fond in kwistjoni spiss imma Ivan baqa' qatt ma deher l'hemm.

Illi xehed Martin Jenkins, bl-affidavit fejn huwa jispjega li jiġi iben ir-rikorrenti u jgħix 47, Triq San Mikiel ir-Rabat, liema dar għandha n-naħa tax-xellug tagħha imiss mal-fond mertu tal-kawża. Jgħid li ż-żewġt idjar qishom mera ta' xulxin. Jgħid li għandu użu ta' garaxx numru 14 li mill-bieb tiegħu għandu vista ċara tal-fond 41 u 47. Jispjega li beda jgħix hemm regolarment minn Frar 2012. F'dak iż-żmien s'issa jgħid li hu warrab xahrejn fil-2012 u sitt xhur minn Lulju 2015 sa Frar 2016. Jispjega li jiftakar sew lil Dolores Sammut ħajja u kien jinzertaha f'ħanut qrib u ġieli anke inzertaha fil-bieb. Jgħid li meta ma kienx jaraha kien ikun jaf li qiegħda hemm għax kien jisma l-magna tal-ħasil tagħha. jgħid li fil-fatt meta mietet, ma baqax jismaha izjed. Jgħid li mar-raġel tagħha ftit iltaqa'. Jispjega kif minħabba li sakemm hu kien imsiefer, Abel kien mar f'home iktar u iktar ma tantx rah spiss. Jgħid li ġieli kien jara lil Ivan u lil Saviour Sammut jiġu għand ommhom. Jgħid li fejn ma kienx jarahom kien ikun jaf li marru għax kien jagħraf il-karozzi tagħhom ipparkjati. Jispjega li kien jinduna li jiġu jarawha biss għax il-karozzi ma kienux jibqgħu hemm bil-lejl. Jgħid li hu jqatta' l-ħin fil-garaxx spiss u qatt ma ra lil Ivan u Saviour jgħixu hemm. Jispjega kif meta ġie lura malta fi Frar 2016, ommu kienet qaltlu li Dolores kienet mietet u kumbinazzjoni kien iltaqa' ma' Saviour f'Misraħ il-Forok ftit il-bogħod minn fejn jgħix Martin, u kien tah l-għomor. Jgħid li jiftakar kif Saviour qallu li l-lejl ta' qabel kien ipprova jorqod għand ommu u ħassu skomdu għax beda jimmaġina lill-ommu quddiem għajnejh. Jispjega li ma kienx fehem għalfejn Saviour kien mar biex jorqod hemm tmien ġimgħat wara l-mewt ta' ommu. Jgħid li meta ġie lura mis-safar fi Frar 2016, ma kien hemm ħadd joqgħod fil-41 u l-post dejjem rah magħluq. Jispjega kif wara xi xhur induna li xi ħadd kien fetaħ il-purtelli u assuma li kien Saviour għax darba kultant kien jara l-karozza tiegħu pparkjata. Jispjega li fil-bidu 2017 ommu kienet qaltlu li kienet talbet iċ-ċwievet lil Ivan u lil Savious imma ma tawhomliex.

Huwa jkompli jispjega li ftit wara beda jinnota li kienet qed titħalla bozza tixgħel fl-intrata ta' isfel biex tati l-impressjoni li kien hemm xi ħadd fil-post. Jgħid li madanakollu ma kienx jara l-karozza ta' Saviour u lanqas ta' Ivan fl-ebda ħin tal-ġurnata. Jgħid li hu kien jaf li ħadd ma kien qed jgħix hemm u li s-subien ma kienux qed joqgħodu hemm minn meta hu mar jgħix fil-47. Jgħid li f'Mejju 2017 ipprova jżomm footage tal-bieb 41 mill-gallarija tal-fond 47 imma kellu problemi tekniċi bl-apparat li uża. Jispjega li eventwalment uża apparat ieħor u ddeċieda li l-aħjar vista kienet tkun mill-garaxx 14 f'Misraħ il-Forok. Jgħid li issorvelja bejn l-1 ta' Ġunju 2017 u 7 ta' Ġunju 2017. Jgħid li matul dik il-ġimgħa Ivan u Saviour kienu daħlu t-tnejn li huma fil-41. Ivan daħal darbtejn u darba minnhom kienet għal 3 minuti biss u darba dam ftit iktar minn sagħtejn, mill-bqija tal-ġimgħa ma deherx. Saviour daħal iżjed spiss imma ħafna drabi għal anqas minn minuta u anqas minn nofs siegħa. Jispjega li imbagħad baqa' jżomm għajnejh fuq il-post u waqaf jieħu l-video. Jgħid li propju min nofs-il lejl tal-5 ta' Ġunju 2017 Saviour beda jorqod fil-post 41. Jgħid li l-video footage li ħa hu juri d-dati u sekonda b'sekonda dak li kien għaddej.

Illi jkompli jispjega kif fl-ewwel jew it-tieni ta' Ġunju 2017 kien qiegħed jimxi ma' kollega Manfred, fi Triq il-Kulleġġ, Rabat u kien għadda Saviour fin-naħa l-oħra tat-triq. Jgħid li għajjatlu u b'rabja saqsih setax ikellmu. Jgħid li saqsieh ommu x'riedet tagħmel bil-post 41 u jispjega li qallu li dak kien ta' ommu u kellha tiddeċiedi hi x'tagħmel bih. Jgħid li beda jgħidlu li issa l-post hu tiegħu u ta' ħuħ Ivan u għandhom l-affarijiet tagħhom hemm ġew. Jgħid li qallu li biex joħroġ mill-post kellu jingħata rigal ta' flus. Komplew mixjin u jgħid li baqa' jgerger u ma kienx jaf għalfejn ommu qed tagħmel hekk, u b'hekk tidħol il-pika. Jispjega li kien qallu li fuq il-41 itik għal ħamsa, u fehem li l-interess tiegħu kien l-iżvilupp. Jgħid li kien propju għalhekk li Saviour daħal jgħix hemm fil-5 ta' Ġunju 2017, għax kien qallu li ser tidħol il-pika. Jispjega li minn dakinhar sa Ġunju 2018 Saviour baqa' jgħix hemm regolarment għalkemm jaħseb li mhux

kuljum jorqod hemm. Jispjega li il-karozza meta jorqod hemm kien qed idaħħalha fil-garaxx numru 53 u bil-lejl meta jorqod hemm id-dawl jintefa u meta le jibqa' jixgħel. Jgħid li Ivan żgur li ma jgħix hemm u ra lilu jew il-karozza tiegħu darbtejn biss.

Illi xehdet ukoll Sandra Jenkins li spjegat li tiġi bint ir-rikorrenti. Tgħid li għandha 55 sena. Tgħid li għamlet żmien tgħix is-Salina u xi żmien fejn għar-raġunijiet personali marret tgħix fil-post 47, Triq San Mikiel Rabat, proprjeta' ta' ommha. Tgħid li għexet fih minn 2006 sa 2009. Tgħid li taf lil Saviour Sammut bħala t-tifel ta' Doris Sammut u tgħid li dan kien jgħix il-Buskett. Tgħid li missieru huwa Abel u kienu jafuh bħala Belinu. Tgħid li lil Saviour jafuh bħala Sammy. Tgħid li Doris u Belinu kienu jgħixu fil-fond 41 u hi fil-47. Tgħid li Marie kienet iżżewwġet u telqet minn hemm, Ivan u Sammy kienu telqu minn hemm ukoll. Sa fejn taf hi, tgħid li Sammy kien mar il-Buskett u Ivan x'imkien lejn in-Nigret għax hu stess kien uriha darba fejn joqgħod. Tgħid li darba fi 2009 kienet ser tiftaħ ħanut u marret tkellem lil Ivan għax kien tiegħu. Tispjega li kienet marret tiltaqa' ma' Ivan f'post ħdejn in-Nigret, ir-Rabat Malta. Tgħid li l-ħanut kien kantuniera u kif kienu qed jaraw barra ippunta b'subajgħ lejn fejn qallha li kien ilu qed jgħix hu. Tgħid li mhux wisq il-bogħod minn Triq San Mikiel, imma hemm qisu ħamsa, għaxar minuti mixja. Tispjega li kemm damet tgħix fil-47 kienet spiss tara lil Doris u kienet tgħidilha li d-dar tagħha (41) kienet qisha lukanda għax imorru biex taħslilhom il-ħwejjeġ u ssajjrilhom. Tgħid li allura Doris stess kienet turiha li t-tfal ma jgħixux magħha. Tispjega li sakemm Sammy għex il-Buskett kien għamel żmien kellu anke mara tgħix miegħu. Tgħid li lit-tfal kienet tarahom dieħlin fil-41 imma jagħmlu madwar siegħa u kienet tarahom ħierġin. Tgħid li wara 2009 mar ħuha jgħix fil-47 u hi marret tgħix fi Triq il-Buskett. Mistoqsija tafx fejn kienu joqgħodu l-aħwa Sammut qabel 2006 tgħid li ma tafx għax ma kienitx għada tgħix hi fil-47. Tgħid li kienu jiġu u jmorru t-tfal. Tgħid li kienet tqatta' ħafna ħin id-dar dak iż-żmien għax ma kienitx qed taħdem.

Illi xehdet **Emily Abela** in rappreżentanza ta' Melita Ltd li spjegat li skont ir-riċerki li għamlu fil-41 Triq San Mikiel, ir-Rabat kien hemm servizz ċellulari f'isem Ivan Sammut. Tgħid li ma rriżultawx servizzi oħrajn. Tispjega li fittxet mill-2011 'l quddiem. Fuq servizzi oħrajn tgħid li ma sabet xejn. Tispjega li rriċerkat skont il-post mhux l-isem.

Illi xehed **Reuben Bonnici** in rappreżentanza tal-ARMS Ltd li spjega li kien hemm diffikulta' teknika u għandu bżonn jerġa' jitla' jixhed ħalli jkun preparat. Fil-fatt kompla jixhed fit-15 ta' Lulju 2019 fejn spjega li sab kont li kien jgħajjat lil Abel Sammut u li dan kien ingħalaq. Jgħid li dan il-kont ingħalaq 15 ta' Frar 2018 u inqaleb għal fuq Saviour Sammut fis-16 ta' Frar 2018 fuq l-istess indirizz mertu tal-kawża. Jgħid li sakemm il-kont kien jgħajjat lil Abel Sammut sal-15 ta' Frar 2018, kien hemm tliet persuni rreġistrati; Mary Doris, Ivan u Saviour Sammut. Jgħid li Mary Doris kienet għadha hemm bħala sussidju. Is-sistema diġitali tal-ARMS bdiet fl-1 ta' Mejju 1996 u dak iż-żmien kienu erba' reġistrati. Abel Sammut tnaqqas fil-19 Dicembru 2016 u l-oħrajn tnaqqsu meta ingħalaq il-kont. Jgħid li imbagħad dar fuq Saviour il-kont u ma hemmx persuni reġistrati u b'hekk qiegħed bir-rata ta' Domestic għax ma kienx hemm nies reġistrati.

Illi xehed ukoll Ivan Sammut li jispjega kif il-41 kien qabel il-fond numru 20 u hu kien trabba fih. Jgħid li kien ilu għand il-ġenituri imma ma jafx eżatt kif ġie għandhom. Jispjega li kien żgħir tat-twelid jgħix hemm u illum għandu 48 sena. Jispjega kif kienu jgħixu fih, ommu missieru hu u żewġ ħutu oħra. Jgħid li Sammy huwa 9 snin akbar minnu, hu ż-żgħir u oħthom 11-il sena ikbar minnu. Jispjega kif matul iż-żmien baqgħu jgħixu hemm imbagħad oħthom iżżewwġet fis-sena 1980 u ma baqgħetx tgħix hemm. Jgħid li ommhom mietet f'Diċembru 2015 u missierhom f'Diċembru 2016. Jgħid li l-kera dejjem ħallasha missierhom, ommhom mietet qabel missierhom. Meta miet il-missier, jgħid li kompla jħallas

il-kera hu u ħuħ. Jgħid li ommu mietet hemm. Jgħid li missieru meta miet kien residenti fil-41 imma kien qiegħed ġo home ukoll. Jgħid li huma għandhom ħajjithom u xogħolhom imma baqgħu jgħixu mal-ġenituri. Jgħid li għamel żmien jaħdem ħinijiet antipatki, anke bil-lejl. Jgħid li hu għandu kollox irreġistrat fuq il-fond in kwistjoni. Jgħid li għamel żmien jaħdem għal rasu mbagħad reġa' ġie impjegat u ilu minn 2012 mal-Water Services Corporation. Jispjega li dejjem jagħti l-indirizz 41 meta jkollu bżonn u ħuħ Sammy jagħmel l-istess. Jispjega li r-rikorrenti qatt ma talbitu ċ-ċwievet lura personalment. Jgħid li darba minnhom mar bil-kera kif kien jagħmel qabel, għand ir-rikorrenti u kienet fetħitlu it-tifla u tagħha l-envelope bil-kera biex tatihom l-ommha. Jgħid li dak iż-żmien missierhom kien għadu ħaj. Jgħid li t-tifla kienet għamlet żmien toqgħod ħdejhom imma issa ma jafx fejn tgħix. Jgħid li ħuha illum jgħix fil-47 minflokha. Jgħid li l-aħħar li kellem lil Martin Jenkins kien meta rah kien għadu ġej lura miss-afar fi Frar 2016 ftit wara li mietet ommu u kien tah il-kondoljanzi. Jgħid li kien baqa' jarah imma Martin kien jinjorah u hu beda jagħmillu l-istess. Jgħid li missierhom għaddietu puplesija u kellu bżonn l-assistenza u kienet ġiet opportunita' li jidħol f'home viċin u hekk sar imma mbagħad kienu spiss jieħduh ftit id-dar u joqgħodu miegħu hu jew ħuħ għax kien jaħdem bis-shift. Jispjega li l-home kienet qisu għaxar minuta mixja jew minuta bis-sewqan. Jgħid li d-dar għadha r-residenza tiegħu u ta' ħuħ. Jgħid li ġieli ma jkunx hemm għax jorqod għand ħabiba tiegħu.

Mistoqsi in kontro-eżami, jispjega kif kien jaħdem bis-shift fiż-żmien bejn li mietet ommhom u kien għadu ħaj missierhom. Is-shift tiegħu jispjega li kien day in day out imma b'ħinijiet strambi bħal 4am jew 3:30am sal-10pm. Jgħid li kien ikollu l-overtime. Jispjega li ħuħ jaħdem għal rasu bħala ġardinar u xogħol ta' manutenzjoni.

Illi xehed **Joseph Revans** in rappreżentanza ta' ID Malta u spjega li Ivan Sammut għandu numru tal-karta tal-identita' 83271M u Saviour Sammut known as

Sammy għandu numru tal-karta tal-identita' 201762M. Jikkonferma li r-residenza tagħhom hija 41, Triq San Mikiel, Rabat fejn għandhom l-ID card bħalissa.

Illi xehed **Savio Borg** in rappreżentanza tal-Kummissarju Elettroali Prinċipali li spjega li Ivan Sammut ID 83271M daħal fir-reġistru l-ewwel darba f'April 1989 u baqa' fl-istess indirizz sal-lum. Jgħid li it-triq ġiet enumerata mill-ġdid u ppreżenta l-gazzetta tal-Gvern f'dan is-sens. Huwa jgħid li qabel il-fond kien numru 20. Illi dwar Saviour jispjega li dan ġie reġistrat fir-reġistru ta' Mejju 1981 fuq 20, Triq San Mikiel, Rabat, imbagħad fir-reġistru ta' Ottubru 2001 kien reġistrat fuq Inzul ix-Xemx, limiti tal-Buskett, ir-Rabat. Fir-reġistru ta' April 2002 kien hemm ukoll imbagħad f'ta' Ottubru 2002 kien reġsitrat mill-ġdid fuq 20, Triq San Mikiel, Rabat u baqa' fuq hemm, salv li sar ir-renumbering fuq il-bieb. Jikkonferma li meta bniedem imur jitlob change of address jimla formola bl-indirizz il-ġdid iżda ma jitolbux evidenza.

Illi xehed **Saviour Theuma** in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali li jispjega li it-tnejn li huma huma reġistrati fuq 41, Triq San Mikiel ir-Rabat. Jgħid li dan l-indirizz ilu hekk minn 2005 imma wieħed minnhom inbidel fit-22 ta' April 2015 imma l-bdil kien minħabba re-numbering. Jgħid li l-informazzjoni jkunu provdewa l-intimati stess lid-dipartiment.

Illi xehed **Joseph Debono** li xehed in rappreżentanza tat-taxxi interni u spjega li kemm Ivan Sammut u anke Saviour Sammut huma reġistrati fuq l-indirizz 41, Triq San Mikiel ir-Rabat. Jgħid li dan jirriżulta minn *tax payer registration information form*. Jgħid li d-data tar-reġistrazzjoni ta' Ivan Sammut hija 16.08.2007 u ta' Saviour Sammut hija 8.08.2008. jispjega li qabel l-informazzjoni kien jgħaddiha min japplika però jgħid li illum mhux ċert jekk iġibux informazzjoni minn CBD.

Illi xehdet **Anthea Portelli** li ppreżentat dokumentazzjoni relattiva għall-informazzjoni fi ħdan il-Pulizija dwar ir-rikorrenti u l-intimati, inkluż bl-indirizz indikat bħala r-residenza uffiċjali tagħhom.

Illi xehed l-**Assistent Reġistratur Etienne Scicluna** li ppreżenta ċedoli ta' depożitu f'isem il-partijiet u jgħid li sab seba' ċedoli li bdew minn 2017 u komplew sa 2021.

Illi xehdet **Carmen Scerri Lautier** in rappreżentanza tal-Maltapost li spjegat li ma sabet l-ebda *re direction of mail* jew PO Box fuq l-intimati u kienet iċċekkjat għal re-direction minn 2001 'l hawn.

Illi xehdet **Charmaine Zammmit** in rappreżentanza ta' Epic Communications Limited li tispjega li ma sabet ebda kuntratti reġistrati fuq isem l-intimati u n-numri tal-karta tal-identita' tagħhom. Tgħid li jista' jkun użaw is-servizz tagħhom *pre paid* pero' huma ma jkollomx data f'dan is-sens.

Illi xehdet **Nicholette Sant** in rappreżentanza ta' Villa Messina li sfortunatament ma fehmitx x'kien mistenni minna fit-taħrika u ġabet informazzjoni żbaljata.

Illi xehed **Christian Schembri** in rappreżentanza tal-Agenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rulari li jispjea li huwa għandu informazzjoni dwar dak li jiddikjara li qed jaħdem l-intimat Saviour Sammut iżda ma għandux indirizz indikat. Jispjega li huma użaw l-indirizz li jkollu mniżżel fuq il-karta tal-identita'.

Illi xehdet ir-rikorrenti **Lorenza sive Laura Jenkins** li tispjega li l-intimati jiġu t-tfal tal-kuġina tagħha Doris Sammut. Tgħid li jgħixu fil-post in kwistjoni tiftakar lill-ġenituri tal-intimati Abel u Doris Sammut. Tgħid li l-intimati kienet taf li ma jgħixux hemm u telqu. Mistoqsija tafx f'liema annu telqu tgħid li ma

tafx għax ma kellix interess toqgħod iżżomm id-dati għax ma kienitx taf x'ser jiġri. Mistoqsija kienitx taċċetta l-kera, tgħid li inizjalment kienet tieħu ħsieb iz-zija tagħha, li imbagħad kissret idha u ħadet ħsieb hi minflok. Mistoqsija kienitx tara lill-intimati dieħlin u ħierġin mill-post in kwistjoni tajt li qatt ma rathom ħierġin, u taf li ma kienux baqgħu hemm. Mistoqsija illum tgħaddix minn hemm, tgħid li ħabba l-pandemija ma toħroġx. Tgħid li hi taf li l-post kien vojt u b'hekk inbdiet il-kawża. Tgħid li ġieli ċemplet fuq il-linja ta' Doris u ma wieġeb ħadd. Mistoqsija fejn kienu jgħixu l-intimati meta mietet ommhom, tgħid li ma taħsibx, imbagħad tgħid li ma kienux. Mistqosija fejn kienu joqgħod missier l-intimati meta miet, tgħid li Abel kien il-home. Mistoqsija kienitx talbithom iċ-ċwievet lill-aħwa Sammut, tgħid li iva, kienet bagħtitilhom bl-avukat. Tgħid li tathom ħafna ċans wara li miet missierhom, u qas kienu avżawha li miet, saret taf mingħand iz-zija tagħha tliet xhur wara li kien miet. Tgħid li saret taf li Abel kien mar ġo home b'kumbinazzjoni għax kienet kellmitha oħt Ivan Sammut minħabba li riedet tniffed garaxx mad-dar u ġie d-diskors fuq Villa Messina u qaltilha li kien hemm zija li mietet. Tgħid li kienet marret il-funeral t'omm l-intimati imma ma kienitx taf meta miet missierhom. Tgħid li kienet iċċempel fuq il-linja tad-dar u ma jirrispondux. Tikkonferma li meta tgħid telefown, qed tirreferi għal-*landline* tal-fond 41. Tispjega li kemm-il darba ċemplet u ma jweġibx. Iżżid tgħid ukoll li meta t-tifel tagħha kien iltaqa' ma' Saviour Sammut, u kien tah il-kondoljanzi, Saviour kien qallu li sabu skomdu jidħol jorqod id-dar. Tgħid li ma tafx għalfejn ħassu hekk jekk kienu qiegħdin 3 fid-dar. Tispjega li l-kera kien iħallasha Abel fi flus kontanti, imma meta beda jmur biha Ivan kien iħallas b'ċekk.

Illi xehdet **Gertrude Scerri** in rappreżentanza tal-isptar Mater Dei li spjegat li hi ġabet magħha l-file mediku ta' Abel però ma għandix informazzjoni dwar ir-residenza tiegħu fejn kienet.

Illi xehed **Brian Farrugia** in rappreżentanza ta' Transport Malta, li xehed li Ivan Sammut għandu vetturi rreġistrati f'ismu u l-indirizz li jidher huwa tal-fond 41 u l-istess fil-każ ta' Saviour Sammut.

Illi xehdet **Charmaine Zammit** in rappreżentanza tal-Epic li tispjega li skont ir-records tagħhom, in-numru 99478846 kien ported għall-melita fil-25 ta' Mejju 2011 u b'hekk ma għandomx dettalji fuq dan in-numru għax skadiet id-data minħabba li ilu iżjed minn għaxar snin.

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

Illi magħmul dan ir-riassunt, il-Bord issa ser jgħaddi biex jagħmel il-kunsiderazzjonijiet legali relattivi.

Illi preliminarjament, il-Bord jinnota illi fl-ewwel talba, ir-rikorrenti kienet talbet li din il-kawża tinstema' bid-dispensa tas-smiegħ. Madanakollu, l-intimati kienu dehru quddiem il-Bord u l-Bord, kif preċedentement presedut kien ta l-opportunita' lill-istess intimati sabiex iressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom.

Illi għalhekk, anke in vista tad-dikjarazzjoni li saret mill-initmati fl-udjenza tal-4 ta' April 2022, fejn l-intimati iddikjaraw li mhux jinsistu iżjed fuq it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet minnhom imressqa fir-risposta tagħhom, dan il-Bord iqis li l-ewwel talba tar-rikors diġa' ġiet miċħuda u t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-intimati huma għalhekk sorvolati.

**<u>Mertu</u>**

Illi b'hekk, imiss li dan il-Bord jagħrbel il-provi li għandu quddiemu u jqis jekk l-intimati aħwa Sammut għandhomx titolu validu biex jokkupaw il-fond numru

41, Triq San Mikiel, ir-Rabat, wara l-mewta ta' missierhom Abel Sammut fid-19 ta' Diċembru 2016.

Illi ġaladarba, Abel Sammut ġie nieqes fis-sena 2016, it-tifsira ta' inkwilin ta' fond residenzjali li jrid iqis dan il-Bord biex jagħmel id-deċiżjoni tiegħu dwar it-titolu tal-intimati *o meno*, hija dik kif kienet fil-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta qabel l-emendi li saru bl-Att XXIII tal-2017, u ċioe' l-Artikolu 1531F[38].

Illi għalhekk, jirriżulta li l-perjodu relevanti għal din il-kawża, huwa l-erba' mill-aħħar ħames snin qabel l-1 ta' Ġunju 2008, sad-19 ta' Diċembru 2016.

Illi tajjeb jingħad li neċessarjament trid issir distinzjoni bejn it-titolu validu ta' 'inkwilin' u kwistjonijiet oħra ta' abbandun jew *non uso.* Dan jingħad, stante, li da parti tagħha r-rikorrenti, bil-provi prodotti, donnu ttentat tipprova tbiddel il-binarju tal-azzjoni odjerna biex tipprova turi kif il-post inżamm magħluq u abbandunat wara li mietu l-ġenituri tal-intimati, u għalhekk, provi li jirrigwardaw perjodu oltre' dak li huwa rolevanti ai fini ta' din il-kawża. Kienet l-għażla tar-rikorrenti li tibbaża l-azzjoni b'dan il-mod[39]. B'hekk, dan il-Bord, ma jistax iqis

---

[38] L-Artikolu 1531F tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta kien jistipula hekk: ***1531F.*** *Fil-każ ta' kirja ta' dar użata bħala residenza ordinarja li tkun saret qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 għandha tiġi meqjusa bħala inkwilin dik il-persuna li tkun qed tokkupa l-fond b'titolu validu ta' kera fl-1 ta' Ġunju, 2008 kif ukoll il-konjuġi tiegħu jekk jgħixu flimkien u mhux separati legalment; meta jmut l-inkwilin il-kirja għandha tiġi terminata:*

*Iżda wkoll persuna tkompli il-kirja wara l-mewt tal- inkwilin bl-istess kondizzjonijiet tal-inkwilin jekk fl-1 ta' Ġunju, 2008 -*

1. *(i) tkun il-wild naturali jew legali tal-inkwilin u tkun ilha toqgħod mal-inkwilin għal erba' snin mill-aħħar ħames snin; u wara l-1 ta' Ġunju, 2008 tibqa' tgħix mal-inkwilin sad-data tal-mewt tiegħu:*

*Iżda f'każ li jkun hemm aktar minn wild wieħed li jkunu ilhom joqgħodu mal-inkwilin għal erba' mill- aħħar ħames snin qabel l-1 ta' Ġunju, 2008 u jkunu baqgħu jgħixu mal-inkwilin sad-data ta' mewtu, dawk l-ulied kollha jkomplu l-kirja in solidum; din il-kirja ma testendix għal konjuġi, żewġ jew ulied il-wild tal- inkwilin.*

[39] Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, tat-8 ta' Frar 2006, fl-ismijiet **Nutar Dottor Carles Vella Żarb vs Anna Vella (Cit. Nru 291/1999/1 JRM)** intqal; "*Jibqa' dejjem il-fatt li x-xejra tal-azzjoni tiddependi mill-għażla tal-parti attriċi li tressaqha u hija determinata mill-għamla tal-azzjoni hekk magħżula u mit-talbiet magħmula.*"

dawk il-provi prodotti biex jasal għad-deċiżjoni fuq it-talbiet tal-attriċi li jirrigwardaw it-titolu *o meno* tal-intimati.

Illi għal kull buon fini, il-Bord jirrimarka wkoll illi minkejja li rriżulta minn rappreżentanti ta' Villa Messina stess, li kien hemm perjodu li fih l-inkwilin rikonoxxut mir-rikorrenti Abel Sammut, kien residenti f'Villa Messina u St. Elizabeth Home bejn il-mewt ta' martu, sa ma miet hu, ma hemmx dubju li Abel Sammut kellu titolu validu bħala inkwilin tal-fond in kwistjoni u anke fiż-żmien li ma setax imur iħallas il-kera hu u minflok kien imur biha Ivan Sammut, irriżulta li l-kera dejjem baqgħet tiġi aċċettata mir-rikorrenti. Tajjeb jiġi mfakkar ukoll, li skond il-ġurisprudenza tagħna, il-fatt waħdu li membru tal-familja tispiċċa tgħix waħedha f'xi fond għaliex l-inkwilin oriġinali jkollu jallontana ruħu minħabba f'raġunijiet ta' saħħa ma tnaqqas xejn mill-protezzjoni li kienet tagħti l-liġi[40]. Sa fejn allura r-rikorrenti tipprova takkampa ma dan il-fatt, huwa evidenti li dan huwa żbaljat.

Illi minn ħarsa lejn id-dokumenti kollha ippreżentati minn l-intimati stess u anke minn xhieda oħra diversi li xehdu in rappreżentanza ta' diversi entitajiet u dipartimenti, jirriżulta li l-intimati f'dan il-perjodu relevanti għal din il-kawża,

---

[40] F'dan is-sens, fost diversi, ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>David Galea *et* vs Stephen Bonnici,</u>** (App Ċiv Nru: 67/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Novembru 2005 fejn, b'self minn sentenzi preċedenti, ġie mfakkar hekk: *"Riferibilment dwar it-tieni element tar-residenza mal-kerrej fid-data tal-mewt tieghu, jinsab statwit f' gurisprudenza pacifika illi membru tal-familja ta' l-inkwilin huwa intitolat ikompli fil-lokazzjoni tal-fond lokat anke jekk fid-data tal-mewt ta' l-inkwilin huwa kien joqghod fil-post wahdu ghax l-inkwilin kien jabita band' ohra. (Kollez. Vol. XLVII P I p 583). B' ezemplari, wiehed jista' jirreferi ghal kaz ta' emigrant li jkun telaq minn Malta u fil-fond halla membri tal-familja tieghu u li kienu joqghodu mieghu minn zmien qabel. Ara "Victor Gauci -vs- Vincenza Tabone", riportata a Vol. XL P I p 418. Hemm ukoll il-kaz ta' inkwilini li minhabba ragunijiet ta' sahha ikunu rrikoveraw ruhhom gewwa istitut jew sptar u li jkomplu jzommu darhom sabiex jekk jiddejqu jew ifiqu jkunu jistghu jirritornaw fil-post mikri. Ara "Mary Abela nomine -vs Joseph Camilleri" Appell Inferjuri, 22 ta' April 1986 "George Felice -vs- Gianni Cini", Appell Inferjuri mill-Bord li Jirregola l-Kera, 28 ta' Gunju 2001;"*

dejjem kellhom l-indirizz residenzjali tagħhom fil-fond mertu ta' din il-kawża, u ċioe' fil-41, Triq San Mikiel, ir-Rabat.

Illi l-intimat Ivan Sammut xehed diversi drabi quddiem dan il-Bord, u fix-xhieda tiegħu dejjem kien konsistenti li hu għex minn tarbija fil-fond in kwistjoni. Kien hemm konsistenza wkoll fid-dati li huwa ta lill-Bord inkluż ta' meta missierhom daħal f'dar tal-anzjani u meta din kellha tinbidel minħabba f'renovazzjonijiet f'dik preċedenti.

Illi barra minn hekk, il-Bord iqis illi l-ittra li ntbgħatet mir-rikorrenti stess fit-22 ta' Marzu 2017, fejn talbet iċ-ċwievet lura, kienet intbgħatet lil Ivan Sammut fl-indirizz mertu ta' din il-kawża u mhux kontestat li l-intimat kien wieġeb lir-rikorrenti li huma jgħixu hemm u mhux ser jirritornaw iċ-ċwievet. Mill-kontijiet tad-dawl u ilma, iż-żewġ intimati jirriżulta b'mod ċar li kienu baqgħu imniżżlin bħala residenti fil-fond in kwistjoni fil-perjodu taż-żmien relevanti għall-Bord.

Illi l-Bord jirrimarka illi x-xhud in rappreżentanza tal-Maltapost ikkonfermat li l-posta dejjem baqgħet tiġi riċevuta fl-imsemmi indirizz in kwistjoni u ma kellhom qatt xi rikjesta għal P.O. Box jew *redirection of mail*. Saħansitra anke l-Pulizija għandhom dak l-indirizz bħala r-residenza uffiċjali tal-intimati u mhux xi indirizz ieħor. Dawn ix-xhieda ippreżentaw il-prova tal-indirizz tal-intimati fil-perjodu li huwa relevanti għall-Bord.

Illi min-naħa l-oħra, l-attriċi, bħala provi fiż-żmien relevanti għall-Bord, ressqet informazzjoni li waslet għandha mingħand terzi persuni u mhux tali li kkonfermat hija stess u li taf bħala fatt personalment. Huwa ċar li xhud huwa mistenni li

jixhed fuq fatti magħrufa minnu u ma għandux jispekola jew jesprimi xi opinjoni[41] (sakemm m'huwiex xi espert).

Illi filwaqt li huwa stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana, li inklużjoni fir-reġistru elettorali jew informazzjoni li tingħata lid-dipartimenti weħidha, mhux dejjem hija prova inkonfutabbli ta' residenza ta' persuna[42], dik il-ġurisprudenza trid tinqara fis-sens li dik il-prova waħedha tista' ma tkunx waħda deċiżiva. F'dan il-każ, l-intimati wrew li dak kollu neċessarju u li wieħed jippretendi li jkollu fil-miġja tal-ħajja, kollha jindikaw li kienu u għadhom jutilizzaw dan il-fond bħala r-residenza tagħhom. Għal dan il-Bord huwa ċar li l-intimati organizzaw ħajjithom kollha madwar dan il-fond, li kienu u għadhom jutilizzaw bħala r-residenza ordinarja tagħhom.

Illi rispettosament, ġaladarba l-intimati altru milli wrew li huma kienu dejjem residenti fil-fond in kwistjoni[43], kien jispetta mbagħad lir-rikorrenti sabiex b'xi

---

[41] Ir-rikorrenti fix-xhieda tagħha spiss tagħmel assunzjonijiet bħal meta tgħid li kienet iċċempel fuq il-landline tal-fond 41 u għax ma jwieġeb ħadd, tgħid li huwa "*ovja li ma kien ikun hemm ħadd.*" Tispekola wkoll meta ssemmi dwar kif binha Martin kien qallha li ltaqa' ma' Saviour u kien qallu li qed iħossu skomdu jidħol jorqod id-dar u hi tgħid kif ħasbet li jekk qiegħdin tlieta ma kellux għalfejn iħossu hekk (vide fol 251 tal-proċess).

[42] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Katald Galea vs Denise Galea** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) nhar il-21 ta' Ottubru 2016 (App. Nru 16/2010) fejn intqal: "*Ir-residenza ordinarja trid tirriżulta minn sensiela ta' fatti ppruvati, bħal dawk li għadhom kif issemmew, li iżda fil-kisba tagħha ma hemm xejn awtomatiku. Ghalhekk, il-fatt, li persuna jkollha dokumenti li 'prima facie' jattestaw konnessjoni taghha mal-fond, bhal inkluzjoni fir-Registru Elettorali, ir-registrazzjoni talKorporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma u mal-Korporazzjoni Xoghol u Tahrig mhumiex prova inkonfutibbli ta' residenza. Huwa pacifiku li r-Registru Elettorali jikkostitwixxi biss prova li trid tigi verifikata, li tista' tkun koroborrattiva, izda mhux necessarjament u dejjem konklussiva.*"

[43] F'dan is-sens, fost diversi ssir sentenza fl-ismijiet **Andre Cauchi *et* vs Teresa Azzopardi,** (App Ċiv Nru: 351/2010/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-24 ta' Ġunju 2021 fejn ġie raġunat hekk: "*L-ewwel qorti kellha biss tqis jekk il-konvenuta għandhiex titolu. Jekk issib li l-konvenuta kellha titolu ta' kiri, kellha tieqaf hemm; kif sewwa osservat, ma kellhiex kompetenza biex tkompli tqis jekk dak it-titolu jagħtix lill-konvenuta dritt ukoll għat-tiġdid tal-kiri, għax dik hija materja fil-kompetenza tal-Bord li jirregola l-Kera. Madankollu l-ewwel qorti kellha tqis jekk tassew kienx hemm il-kiri u, ladarba sabet li dak il-kiri seta' tnissel mid-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 li jagħtu jedd lil membru tal-familja ta' kerrej li taħt ċerti kondizzjonijiet jiret il-kiri wara l-mewt ta' dak il-kerrej, kellha tara wkoll jekk dawk*

mod ixejjnu dak pruvat. Apparti dikjarazzjonijiet soġġettivi u xhieda kemxejn xotta, li meta wieħed jasarha ma tantx għandha tingħata affidament[44], ma ġabu l-ebda prova kontrajra.

Illi hekk per eżempju la Martin Jenkins, la Sandra Jenkins u anqas ir-rikorrenti stess ma kienu daħlu fil-fond in kwistjoni fiż-żmien rilevanti, u għalhekk minn imkien ma jirriżulta xi prova konvinċenti u konkreta, li jistgħu jindikaw li verament l-intimati ma kienux baqgħu jirrisjedu fil-fond numru 41.

Illi anqas ma tressqu bħala xhieda xi ġirien oħrajn jew eżempju s-sid tal-ħanut fil-viċin tal-post in kwistjoni li ssemma' minn Sandra Jenkins u anke minn Martin Jenkins bħala post fejn kienu ta' spiss jiltaqgħu ma' Doris Sammut. Wisq anqas ma nġiebu xi ġirien jew residenti fil-blokka 'Sanolor Flats' fi Triq il-Ħobbejża, minkejja li r-rikorrenti insistiet li Ivan Sammut kien qed jgħix hemm. L-allegazzjonijiet tar-rikorrenti baqgħu biss spekulazzjonijiet mingħajr l-impronta tal-prova. Fil-fehma tal-Bord tali prova ma setgħet qatt tinġieb mir-rikorrenti għaliex il-veritá hi li l-intimati kienu dejjem residenti f'dan il-fond.

Illi minn eżami tal-atti, l-Bord huwa totalment konvint minn dak pruvat mill-intimati u b'hekk il-kawża attriċi għandha tiġi mwarrba.

**Decide**

---

*il-kondizzjonijiet li jrid il-Kap. 69 biex jintiret kiri seħħewx. Biex għamlet hekk l-ewwel qorti qieset ix-xiehda mressqa mill partijiet, u,* ***għax sabet illi kien hemm konflitt bejniethom, imxiet fuq il-prinċipju li actore non probante reus absolvitur. Hawnhekk iżda, kif sewwa josservaw l-atturi, l-ewwel qorti żbaljat. L-oneru tal-prova tat-titolu jaqa' fuq min jallega li għandu dak it-titolu – fil-każ tallum fuq il-konvenuta – għax reus in excipiendo fit actor. (enfasi tal-Bord).****"*

[44] Huwa ovvju lit-tfal tar-rikorrenti għandhom interess dirett f'dawn il-proċeduri.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, il-Bord qiegħed jiddisponi minn din il-vertenza billi;

1. Jastjeni milli jqis aktar l-ewwel talba stante li din ġiet miċħuda bid-digriet tal-1 ta' Marzu 2018.

2. Jiċħad il-kumplament tat-talbiet tar-rikorrenti.

3. Jilqa' l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-intimati.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mir-rikorrenti.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur